# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 308a – L-Erbgħa, 30 ta' Settembru, 2015

## AĠENDA

Talba

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Kuntratti
5. Mozzjonijiet
6. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-sur Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 306 u 307 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

### 2.1 Talba ma' Transport Malta dwar restricted access fi Triq l-Imqabba

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu ma rċieva l-ebda tweġiba dwar din it-talba. Is-Sindku qal li għandna nerġgħu niktbu lil TM.

### 2.2 Arranġamenti tat-traffiku fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi

Is-Sindku qal li l-laqgħa ta' konsultazzjoni li se tkun miftħua għal kulħadd se ssir fiċ-Ċentru Ċiviku se ssir nhar it-Tnejn 19 t'Ottubru fiċ-Ċentru Ċiviku. Huwa spjega wkoll li l-proposti kienu ġew ippubblikati fil-gazzetta li ħareġ il-Kunsill matul Settembru u li għal din il-laqgħa kienu ser jiġu mistiedna rappreżenanti ta' Transport Malta.

### 2.3 Tneħħija ta' art f'Ta' Dmerjek mil-lista ta' proprjetà privata

Is-Sindku qal li hu attenda għas-seduta tat-Tribunal ta' Reviżjoni fi ħdan tal-MEPA dwar din il-materja imma billi l-applikant ma deherx din ġiet aġġornata għat-12 ta' Diċembru 2015. Sadanittant kien qed jitlesta l-appell biex jiġi ppreżentat fil-jiem li ġejjin.

Is-Sindku qal ukoll li se jkollu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr Michael Falzon nhar it-13 t'Ottubru 2015.

# 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 KUNTRATTI

### 4.1 LCS 14/13 Traffic Signs

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt wasal biex jagħlaq it-tieni sena tiegħu.

Is-Sindku ippropona li jiġġedded għat-tielet sena tiegħu. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.2 LCS 4/14 Pavements**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt kienet skadiet l-ewwel sena tiegħu f'Mejju li għadda.
Is-Sindku ippropona li jiġġedded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.3 LCS 12/13 Collection of Mixed Household Waste**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija Waste Collection Ltd fejn infurmat lill-Kunsill li ma kinitx beħsiebha ġġedded il-kuntratt tagħha li t-tieni sena tiegħu tagħlaq fis-27 t'Ottubru.

Is-Sindku ippropona li għandna noħorġu s-sejħa għall-offerti ta' dan is-servizz mill-aktar fis possibli.

Il-Viċi Sindku issekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 MOZZJONIJIET

**5.1 Mozzjoni dwar tiswija/bdil tal-bankini f'Ta' Brandin**

Il-Kunsillier Dominic Grech ressaq dil-mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Clayton Cutajar, li taqra:

"Billi l-bankini fi Triq ta' Brandin jinsabu fi stat ħażin ħafna u ilhom għal dawn l-aħħar snin ma jinbidlu, wieħed irid jassigura li dawn l-istess bankini jkunu fi stat tajjeb, aċċessibli u li ma' jikkawżaw l-ebda periklu għal dawk li jagħmlu użu minnhom, b'mod partikolari ir-residenti ta' l-istess triq. Dan wara li xi persuni diġà irrapurtaw lill-Kunsill Lokali li weġgħu b'kawza tal-istat ħazin li jinsabu fihom dawn l-istess bankini.

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tas-Siggiewi mlaqqa' Illum l-1 t'Ottubru 2015, jirriżolvi li l-bankini f'din l-imsemmija triq isiru mill-ġdid sabiex nassiguraw li dawn ma' jkunu ta' ebda periklu għal min jagħmel użu minnhom."

Il-Kunsillier Grech qal li kien qed iressaq dil-mozzjoni wara li kien avviċinat minn diversi residenti tal-imsemmija triq u wara li hu stess żar is-sit.

Is-Sindku qal li waqt li jifhem il-ħtieġa ta' tiswija jew bdil tal-baninki f'din it-triq fakkar li qabel ma beda l-proċess ta' bdil tal-bankini, kien sar eżerċizzju biex tingħata priorità lil dawk il-bankini li kellhom bżonn li jinbidlu, jew li qatt ma saru jew li kienu fi stat gravi. Hu għalhekk kien qed iressaq emenda għall-mozzjoni li tgħid li "l-Kunsill għandu jinkariga lill-Perit tal-Kunsill jaġġorna din il-lista u li fiha jinkludi dawk li huma fi stat gravi, dawk li jista' jsir intervent minuri u dawk li jridu jistennew minħabba li jinsabu f'toroq fejn qed isir xi żvilupp. Il-Kunsilliera huma mħeġġin biex sal-aħħar ta' Ottubru jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom dwar din il-materja biex il-lista tkun konkuża sal-aħħar ta' Novembru 2015."

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda l-emenda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.2 Mozzjoni dwar il-Bajja ta' Għar Lapsi

Is-Sindku ressaq mozzjoni, sekondata mill-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace, li taqra:

"Billi l-bajja ta' Għar Lapsi hija l-unika bajja aċċessibbli għall-pubbliku li tinsab fil-konfini tal- lokalità tas-Siġġiewi;

"U billi l-bajja ta' Għar Lapsi hija iffrekwentata mhux biss mill-familji Maltin u Għawdxin iżda wkoll minn numru kbir ta' turisti matul is-sena kollha;

"U billi teżisti l-ħtieġa li jitjiebu u jiżdiedu l-faċilitajiet u s-servizzi offruti f'din il-bajja kif ukoll li jitjiebu s-sigurtà u l-aċċessibbilità fl-istess bajja;

"U billi hemm ħtieġa wkoll li t-triq li mis-Siġġiewi twassal għal Għar Lapsi tingħata wiċċ ġdid mill-iktar fis possibbli;

"U billi l-ispiża sabiex l-imsemmija triq tingħata wiċċ ġdid tlaħħaq il-mijiet tal-eluf ta' Ewro u konsegwentement il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi m'għandux u mhux ser ikollu finanzi biżżejjed biex fil-futur prevedibbli iwettaq dan ix-xogħol;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi, imlaqqa' illum l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2015: Jirriżolvi li jibda l-proċess sabiex ifassal u jwettaq proġett li permezz tiegħu jiżdiedu l- faċilitajiet u s-servizzi offruti f'din il-bajja kif ukoll jitjiebu s-sigurtà u l-aċċessibbilità fl-istess bajja;

"Jirriżolvi li l-proġett li ser jitfassal u jitwettaq fost oħrajn għandu jinkludi:

1. Il-bini mill-ġdid tal-lattrina pubbliku li tinsab fil-parti magħrufa bħala l-Park ta' Għar Lapsi;
2. L-installazzjoni ta' bandli ġodda u l-ħolqien ta' spazju akbar għat-tgawdija tal-familji fil-Park ta' Għar Lapsi;
3. Titjib fil-faċilitajiet u l-ispazji li fil-preżent jintużaw mis-sajjieda u persuni oħra li għandhom jew iniżżlu d-dgħajjes tagħhom fil-bajja ta' Għar Lapsi;
4. Titjib fis-sigurtà u l-aċċessibbilità taz-zoni għall-għawn li hemm fil-bajja ta' Għar Lapsi.
5. Faċilitajiet ġodda għall-għaddasa u informazzjoni dwar il-gżira ta' Filfla; u
6. Għajnuna lill-komunità kummerċjali f'Għar Lapsi biex ittejjeb il-prodott tagħha.

"Jirriżolvi li jniedi proċess ta' konsultazzjoni pubbliku dwar l-imsemmi proġett liema konsultazzjoni għandha ssir mar-residenti tas-Siġġiewi, mas-sidien u l-operaturi tan-negozji f'Għar Lapsi, ma' dawk kollha li għandhom proprjetà f'Għar Lapsi, ma' dawk kollha li għandhom jew iniżżlu d-dgħajjes tagħhom fil-

bajja ta' Għar Lapsi, mar-rappreżentanti tal- komunità tal-għaddasa u tal-awtoritajiet responsabbli mit-turiżmu;

"Jirriżolvi li jistieden u jħeġġeġ lil entitajiet oħra tal-Gvern fosthom iżda mhux biss lill- Awtorità tat-Turiżmu f'Malta u lill-Ministeru responsabbli mill-Infrastruttura kif ukoll lil entitajiet mhux governattivi sabiex jissieħbu miegħu fit-tfassil, it-twettieq u l-finanzjament tal-imsemmi proġett;

"Jirriżolvi li jfittex u japplika sabiex jikseb fondi għat-twettieq tal-imsemmi proġett minn sorsi oħra fosthom, iżda mhux biss, mill-Unjoni Ewropea; u

"Jirriżolvi li mill-ġdid jitlob u jappella lill-Gvern ċentrali kif ukoll lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta sabiex it-triq li mis-Siġġiewi twassal għal Għar Lapsi tingħata wiċċ ġdid.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-Infrastruttura – l-Onor. Joe Mizzi, lill-Ministru responsabbli mit-Turiżmu – l-Onor. Dott. Edward Zammit Lewis, liċ-*Chairman* tal-Awtorità tat-Turiżmu f'Malta – Dott. Gavin Gulia, lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tat-Turiżmu f'Malta – Is-Sur Paul Bugeja u lill- Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta – Is-Sur James Piscopo."

Is-Sindku qal li qabel kollox il-lista ta' proposti mressqa fil-mozzjoni mhijiex waħda finali, u tista' tkompli tiżviluppa. Huwa qal ukoll li f'kuntatt li kellu mac-Chairman tal-MTA Dr Gavin Gulia, dan tal-aħħar wera l-interess li jidħlu bi sħab f'dan il-proġett tant li s-Sindku kellu laqgħa mas-CEO tal-istess organizzazzjoni.

Is-Sindku spjega li diġà qed tiġi esplorata l-possibilità li napplikaw għall-fondi tal-Unjoni Ewropea permezz tal-Majjistral Action Group.

Huwa kompla jgħid li kien qed jipproponi li l-pjan jimmaterjalizza fis-sena 2017 u s-sena d-dieħla isiru l-pjanijiet meħtieġa, ikomplu jiġu esplorati sorsi ta' fondi kif ukoll issir l-applikazzjoni meħtieġa mal-.

Waqt id-diskussjoni dwar il-mozzjoni, partikolarment dwar it-triq li tagħti għall-bajja, issemma' l-fatt li skont il-permessi tal-MEPA il-kuntrattur tal-barriera, Polidano Brothers, huwa obbligat li jsewwi parti mit-triq. Għalhekk is-Sindku ippropona li għandna niktbu lill-MEPA dwar din il-materja.

Il-Kunsill irriżolva favur il-mozzjoni hekk kif imressqa b'mod unanimu.

**5.3 Mozzjoni dwar Triq il-Mitjar ta' San Niklaw**

Is-Sindku qal li kien qed iressaq din il-mozzjoni li ġiet sekondata mill-Kunsillier Julian Borg:

"Billi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali jipprovdi li l-Kunsill Lokali għandu jieħu sehem sħiħ f'kull deċiżjoni dwar l-għoti ta' ismijiet lit-toroq;

"U billi t-triq li mit-triq li tagħti għal Għar Lapsi twassal għat-Triq Panoramika, kif tinsab indikata bl-aħmar fil-pjanta li tinsab mehmuża, sallum m'għandha l-ebda isem uffiċjali;

"U billi l-imsemmija triq kienet tifforma parti mill-mitjar magħruf bħala Ta' San Niklaw fil-limiti tas-Siġġiewi;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi, imlaqqa' illum l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2015: Jirriżolvi li jissottometti talba lill-awtoritajiet kompetenti sabiex it-triq indikata bl-aħmar fil- pjanta li tinsab mehmuża tingħata l-isem uffiċjali "Triq il-Mitjar ta' San Niklaw".

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll lir-residenti tal-imsemmija triq għall-informazzjoni tagħhom."

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

# 6 HWEJJEĠ OHRA

## 6.1 Attività tal-Milied

Is-Sindku qal li flimiien mal-Kunsillier Julian Borg kien qed jipproponi li din l-attività ssir nhar it-12 u t-13 ta' Diċembru. Huwa kompla jgħid li diġà saret applikazzjoni mal-Fond għall-Attivitajiet Kulturali. Fl-istess jiem hu propost li fiċ-Ċentru Ċiviku ssir wirja tal-presepji u bambini, kif ukoll wirja ta' pitturi.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.2 Kont banakarju speċifiku għal proġetti kapitali

Is-Sindku ippropona li meta l-Kunsill jippjana kwalunkwe proġett kbir, ma nibqgħux inżommu l-flus ivvutati għalih minn qabel fil-kont normali tal-bank imma niftħu kont bankarju separat. L-ewwel wieħed se jkun għall-proġett tal-bandli fi Triq it-Tabib Nikol Zammit.

Il-Viċi-Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.3 Attività mil-Life Cycle

Is-Sindku qal li l-Life Cycle talbu li jorganizzaw attività fi Pjazza San Nikola f'Mejju 2016. Huwa ippropona li għandna nilqgħu din it-talba, salv li fl-istess jum u ħin ma jkun hemm l-ebda attività oħra.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda uj l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.3 Espressjoni ta' interess dwar il-bini ta' track għat-tlielaq tal-karrozzi

Is-Sindku spjega li nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru 2015 il-Gvern kien ippubblika sejħa għal espressjoni ta' interess sabiex tiġi mibnija track għat-tlielaq tal-karozzi. Huwa spjega kif TVM kien irraporta li wieħed mis-siti identifikati biex issir din it-track kien dak taz-zona ta' San Niklaw viċin id-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi.

Is-Sindku spjega li kemm-il darba saru tentattivi biex is-sit madwar l-eks-mitjar ta' San Niklaw jiġi żviluppat fosthom bħala korsa taż-żwiemel, kif ukoll aktar riċentament bl-iżvilupp ta' numru ta' rziziet tal-baqar mill-Gvern ċentrali. Is-Sindku spjega li b'mod konsistenti l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi dejjem kellu l-istess pożizzjoni u ċjoè li minħabba li z-zona hi li hi, m'għandux ikun żvilupp li b'xi mod tista' tkun ta' detriment għad-Dar tal-Providenza.

Is-Sindku spjega li f'Novembru 2014 kien ġie ppubblikat artiklu fit-Times of Malta fejn kien hemm indikat li żewġ investituri Maltin kienu qed jipproponu li jagħmlu *race track* jew f'San Niklaw fis-Siġġiewi jew f'Ħal Far. Is-Sindku qal li dakinhar stess li ġie ppubblikat dan l-artiklu huwa kien għamel kuntatt ma' dawn l-investituri li kkonfermawlu dak li kien ġie ppubblikat mit-Times of Malta.

Is-Sindku qal li kien qal lill-investituri li huwa kien kontra li proġett ta' dan it-tip isir fil-konfini tas-Siġġiewi u b'mod partikolari f'zona vicin id-Dar tal-Providenza.

Is-Sindku spjega li hu konxju li dawn interessati li jiżviluppaw track għat-tlielaq tal-karozzi kienu qegħdin ifittxu art ta' daqs ta' 80 ettaru jew aħjar 712-il tomna jew 800,000 metru kwadru. Dan ifisser li din hija kbira daqs is-Sġġiewi kollu mingħajr iz-zona ta' Kirċippu u z-zona tal-flats tal-Ħesri. Huwa qal li z-zona ta' San Niklaq hija waħda mill-ftit zoni f'Malta fejn il-Gvern għandu ammont kbir ta' art li tmiss ma' xulxin u għalhekk l-investituri kienu tefgħu ħarsithom fuq din iz-zona fis-Siġġiewi.

Is-Sindku qal li kien qed isostni li l-Kunsill għandu jitkellem qabel aktar persuni interessati jibdew jikkunsidraw jew saħansitra jipproponu li t-track għat-tlielaq tal-karozzi ssir fis-Siġġiewi. Għalhekk huwa imperattiv li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jkollu pożizzjoni ċara u komuni dwar dan is-suġġett.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li m'għandux problema li jitkellem imma ma jaqbilx li għandna nitkellmu f'dan l-istadju, għaliex inkunu immaturi nitkellmu dwar *assumptions.* Barra minn hekk jekk nitkellmu issa, inġibu aktar is-Siġġiewi fil-*limelight*.

Is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Julian Borg u Gillian Farrugia Pace qalu li jkun aktar jaqbel li nitkellmu issa qabel il-materja tikber u imbagħad jkun tard wisq.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li hu ma jaqbilx li t-track issir fis-Siġġiewi imma ma jaqbilx lanqas li għandna nitkellmu kontra issa. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hu kien favur il-protezzjoni sħiħa tal-ambjent imma wkoll jaqbel li hu prematur li noħorġu kontra l-proġett issa meta fid-dokument uffiċjali tal-Gvern ma ssemmiex is-Siġġiewi.

Is-Sindku, il-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Borg u Farrugia Pace sostnew li l-Kunsill għandu f'dan l-istadju jiddikjara kontra li fil-konfini tagħna ssir *track* u għalhekk

is-Siġġiewi la għandu jintmiss, la għandu jiġi jiġi propost u lanqas biss ikkunsidrat. Dan ifisser li l-appell għandu jkun lill-iżviluppaturi biex ma jipproponux lis-Siġġiewi.

Is-Sindku ippropona li s-seduta għandha tiġi aġġornata għall-għada u ċjoè l-Ħamis 1 ta' Ottubru 2015, biex hu jkun jista' se jħejji proposta li fiha jkun hemm pożizzjoni komuni, u li tkun tirrifletti dak li intqal waqt din is-seduta. Din se tkun iċċirkolata lill-Kunsilliera kmieni għada filgħodu.

Il-Viċi-Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fid-9.00pm u ippropona li tiġi aġġornata għal għada l-Ħamis fil-5:30 p.m Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tlieta, 20 t' Ottubru 2015**

# Kunsill Lokali Siggiewi

Skeda Nru. 308

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 31/8/15-30/9/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | g4s | 56.18 | 56.18 | d | pf | security services wirja festa (underpd cq10946) | | gs012607 | | | 3370 | 10949 |
| 2 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | sweeping august15 | 1.9.15 | 13 | lcs13/12 | | 3051 | 10989 |
| 3 | callus landscaping | 2710.00 | 2710.00 | t | pf | planting august15 | 29.8.15 | 45 | lcs18/12 | | 3061 | 10990 |
| 4 | waste collection ltd | 4273.79 | 4273.79 | t | pf | waste august15 | 31.8.15 | 15/403. | lcs12/13 | | 3041 | 10991 |
| 5 | KMS | 7237.23 | 7237.23 | d | pf | provision coaches Local Council Scheme | 24.1.14 | | | | 3363 | 10993 |
| 6 | colours of the rainbow | 48.50 | 48.50 | d | pf | planters balcony kunsill | 28.8.15 | 48 | | | 2670 | 10994 |
| 7 | tony pace | 900.00 | 900.00 | d | pf | electrical works festa gheneb | 9.9.15 | 42 | | | 3378 | 10995 |
| 8 | parrocca san nikola | 350.00 | 350.00 | d | pf | grupp armar festa gheneb | 27.8.15 | 8150 | | | 3378 | 10996 |
| 9 | ganaja | 4203.75 | 4203.75 | t | pf | hofor ta' l-armar/spuctions | 17.6.15 | 12706/15. | lcs4/14 | | 2310 | 10997 |
| 10 | ganaja | 644.57 | 644.57 | t | pf | konkos lapsi/tal-providenza | 17.6.15 | 11706/15. | lcs4/14 | | 2311 | 10997 |
| 11 | stephen zammit | 35.00 | 35.00 | d | pf | transport to wasteserv outing 3/9/15 | 3.9.15 | 9 | | | 2720 | 10998 |
| 12 | csd | 62.30 | 62.30 | d | pf | stationery | 4.9.15 | 54521 | | po100/15 | 2620 | 10999 |
| 13 | the engineer centre | 97.50 | 97.50 | d | pf | pjanti tenders lcs28,29/15 | 10.9.15 | | 28-29/15 | | 2620 | 11000 |
| 14 | louis stationery | 140.20 | 140.20 | d | pf | postage stamps | 12.9.15 | 245 | | | 2650 | 11001 |
| 15 | louis stationery | 24.80 | 24.80 | d | pf | postage stamps | 31.8.15 | 343 | | | 2650 | 11001 |
| 16 | louis stationery | 120.60 | 120.60 | d | pf | newspapers june-august15 | 31.8.15 | 342 | | | 2950 | 11001 |
| 17 | ronald bezzina | 1100.00 | 1100.00 | t | pf | sweeping hal xluq, tal-providenza, festa g | 7.9.15 | 42254 | | | 3051 | 11002 |
| 18 | transient | 368.75 | 368.75 | d | pf | hire of light festa gheneb | 5.9.15 | 4763 | | | 3378 | 11003 |
| 19 | go | 82.86 | 82.86 | d | pf | 21466000/21466036 sept15 | 7.9.15 | 45133205 | | | 2160 | 11004 |
| 20 | go | 46.18 | 46.18 | d | pf | 21465799/21465805 aug15 | 7.9.15 | 41533220 | | | 2160 | 11004 |
| | **Sub Total c/f** | **€25,273.04** | **€25,273.04** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€25,273.04** | **€25,273.04** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 308 tat-30/9/15**

Kunsillier

**Data: 31/8/15-30/9/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | go | 90.40 | 90.40 | d | pf | 21468874 aug15 | 7.9.15 | 45133187 | | | 2160 | 11004 |
| 22 | go | 15.58 | 15.58 | d | pf | 21462946 aug15 | 7.9.15 | 45133168 | | | 2160 | 11004 |
| 23 | roberto runza | 180.00 | 180.00 | d | pf | photos festa gheneb | 31.8.15 | 934 | | | 3378 | 11006 |
| 24 | ministry for justice | 35.00 | 35.00 | d | pf | advert tenders lcs28/15, lcs29/15 | 2.9.15 | | lcs28/15 | | 2940 | 11007 |
| 25 | ministry for justice | 44.00 | 44.00 | d | pf | advert tender lcs31/15 | 11.9.15 | | lcs31/15 | | 2940 | 11007 |
| 26 | grech ironmongery | 40.00 | 40.00 | d | pf | plugs festa gheneb | 29.8.15 | 246 | | | 3378 | 11008 |
| 27 | print it | 278.25 | 278.25 | d | pf | printing flyers festa gheneb | 26.8.15 | 10892 | | | 3378 | 11009 |
| 28 | print it | 236.25 | 236.25 | d | pf | printing posters festa gheneb | 26.8.15 | 10891 | | | 3378 | 11009 |
| 29 | 3d | 750.62 | 750.62 | d | pf | distribution flyers festa gheneb | 1.9.15 | 5903 | | | 3378 | 11010 |
| 30 | antonia aquilina | 131.40 | 131.40 | d | pf | library service august15 20hrsx6.57 | 1.9.15 | | | | 2995 | 11011 |
| 31 | emanuel tanti | 315.00 | 315.00 | d | pf | iron frames for stage festa gheneb | 1.9.15 | 8323241 | | | 3378 | 11012 |
| 32 | nicholas baldacchino | 364.00 | 364.00 | d | pf | claim injury (citadel insurance) | 30.9.15 | | | | 3030 | 11013 |
| 33 | nicholas baldacchino | 97.00 | 97.00 | d | pf | fuel expenses Sept15 | 30.9.15 | | | | 2760 | 11013 |
| 34 | d.grima | 80.00 | 80.00 | t | pf | fuel expenses sept15 | 30.9.15 | | | | 2760 | 11014 |
| 35 | darren's cherry picker | 260.00 | 260.00 | d | pf | armar ta dawl festa gheneb | 31.8.15 | 8 | | | 3378 | 11015 |
| 36 | greenlines | 141.60 | 141.60 | d | pf | hire of mobile toilets festa hal xluq | 31.8.15 | 28619 | | po88/15 | 3372 | 11016 |
| 37 | accord insurance | 1907.87 | 1907.87 | k | pf | insurance third party 28/5/15-27/5/15 | 30.6.15 | RN14066 | | | 3030 | 11017 |
| 38 | attrans | 141.60 | 141.60 | d | pf | hire of truck festa gheneb | 2.9.15 | 7365 | | po94/15 | 3378 | 11018 |
| 39 | emidius camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | public conveniences aug15 | 17.9.15 | 23 | lcs24/13 | | 3053 | 11019 |
| 40 | emidius camilleri | 90.00 | 90.00 | t | pf | extra hrs public conveniences | 17.9.15 | 24 | lcs24/13 | | 3053 | 11019 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,750.20** | **€5,750.20** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€25,273.04** | **€25,273.04** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€31,023.24** | **€31,023.24** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 308 tat-30/9/15**

0 Kunsillier

**Data: 31/8/15-30/9/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | cassie cutajar | 115.20 | 115.20 | d | pf | clerikal work saturdays sept15 16hrsx7.2 | 30.9.15 | | | | 3065 | 11020 |
| 42 | cassie cutajar | 86.40 | 86.40 | d | pf | clerikal work saturdays august15 12hrsx7 | 15.9.15 | | | | 3065 | 11020 |
| 43 | waste collection ltd | 4079.53 | 4079.53 | t | pf | waste collection- sept15 | 30.9.15 | 0 | lcs12/13 | | 3041 | 11023 |
| 44 | klikk | 243.00 | 243.00 | d | pf | ink cartridges | 6.8.15 | 13855 | | | 2620 | 11024 |
| 45 | ecopure | 12.74 | 12.74 | d | pf | water for dispenser | 25.8.15 | 615470 | | | 2670 | 11025 |
| 46 | ecopure | 29.75 | 29.75 | d | pf | water for dispenser | 11.9.15 | 617463 | | | 2670 | 11025 |
| 47 | ecopure | 8.50 | 8.50 | d | pf | water for dispenser | 22.9.15 | 618420 | | | 2670 | 11025 |
| 48 | al's mini market | 152.00 | 152.00 | d | pf | minerals | 31.8.15 | 12701671 | | | 2670 | 11026 |
| 49 | arms | 238.89 | 238.89 | d | pf | mons fx mangion 14/3/15-7/5/15 | 17.9.15 | 20935330 | | | 2130 | 11027 |
| 50 | arms | 284.59 | 284.59 | d | pf | mons fx mangion 24/4/15-14/7/15 | 17.9.15 | 20935331 | | | 2130 | 11027 |
| 51 | the limestone heritage | 479.55 | 479.55 | d | pf | coffee morning anzjani 25/6/15 | 31.8.15 | 3909 | | | 3362 | 11028 |
| 52 | smart office supplies | 146.32 | 146.32 | d | pf | stationery | 22.9.15 | 27832 | | po104/15 | 2620 | 11029 |
| 53 | smart office supplies | 19.26 | 19.26 | d | pf | stationery | 25.9.15 | 28019 | | po106/15 | 2620 | 11029 |
| 54 | borg bros | 472.00 | 472.00 | d | pf | garr festa gheneb | 21.9.15 | 1532 | | | 3378 | 11030 |
| 55 | borg bros | 472.00 | 472.00 | d | pf | zarmar u armar stands festa gheneb | 21.9.15 | 1534 | | | 3378 | 11030 |
| 56 | abakus | 135.70 | 135.70 | d | pf | hosting & maintenance 1/10/15-30/9/16 | 7.9.15 | 11622 | | | 3110 | 11031 |
| 57 | ronald briffa | 188.80 | 188.80 | d | pf | compare festa gheneb | 8.9.15 | 15069 | | | 3378 | 11032 |
| 58 | jb stores | 23.80 | 23.80 | d | pf | cups/mugs for office use rec434244g2 | 23.9.15 | 434244 | | | 2220 | 11033 |
| 59 | ell's urban services | 3891.26 | 3891.26 | t | pf | patching works 4096.06-204.80mf | 7.9.15 | 452 | | | 2310 | 11034 |
| 60 | daniel azzopardi | 236.00 | 236.00 | d | pf | performance festa gheneb | 31.8.15 | 31/8/15. | | | 3378 | 11035 |
| | **Sub Total c/f** | **€11,315.29** | **€11,315.29** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€11,315.29** | **€11,315.29** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 308 tat-30/9/15**

0 Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 308**

**Data: 31/8/15-30/9/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | jb concrete works | 1936.00 | 1936.00 | d | pf | concrete to farmers | 31.8.15 | 145-15 | | | 2312 | 11036 |
| 62 | zvetlana magro | 700.00 | 700.00 | d | pf | tuition arts course summer 15 | 24.9.15 | | | | 3373 | 11037 |
| 63 | vodafone | 62.47 | 62.47 | d | pf | 99491670 august15 | 1.9.15 | 4815820092015 | | | 2160 | 11038 |
| 64 | vodafone | 93.60 | 93.60 | d | pf | 99762218 august15 | 1.9.15 | 4815821092015 | | | 2160 | 11038 |
| 65 | melita | 45.00 | 45.00 | d | pf | webcam ta' cwerra sept15 | 1.9.15 | 101930742 | | | 3111 | 11039 |
| 66 | b.grima | 933.33 | 933.33 | t | pf | road marking signs | 17.8.15 | 10005195 | | | 2313 | 11040 |
| 67 | cir | 2105.76 | 2105.76 | d | pf | cir - sept15 | | | | | | 11041 |
| 68 | callus landscaping | 2710.00 | 2710.00 | t | pf | planting sept15 | 1.10.15 | 46 | lcs18/12 | | 3061 | 11043 |
| 69 | daniel cutajar | 618.45 | 618.45 | t | pf | bulky sept15 651-32.55mf | 30.9.15 | 33 | lcs14/12 | | 3042 | 11044 |
| 70 | milord | 3879.17 | 3879.17 | t | pf | cleaning non urban sept15 | 1.10.15 | 53 | lcs10/12 | | 3052 | 11045 |
| 71 | milord | 80.00 | 80.00 | t | pf | cleaning slipway lapsi & concreting | 1.10.15 | 52 | | | 2370 | 11045 |
| 72 | milord | 25.00 | 25.00 | t | pf | 5 bags lime for slipway lapsi nvc receipt 9 | 1.10.15 | 97 | | | 2370 | 11045 |
| 73 | n.baldacchino | 121.13 | 121.13 | d | pf | bonus sept15 | | | | | 1400 | |
| 74 | r.giorgino | 121.13 | 121.13 | d | pf | bonus sept15 | | | | | 1400 | |
| 75 | m.muscat | 121.13 | 121.13 | d | pf | bonus sept15 | | | | | 1400 | |
| 76 | a.borg | 121.13 | 121.13 | d | pf | bonus sept15 | | | | | 1400 | |
| 77 | employees | 5322.73 | 5322.73 | d | pf | salaries - sept15 | | | | | 0 | |
| 78 | k.aquilina | 705.05 | 705.05 | d | pf | honoraria to mayor sept15 | | | | | 1100 | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€19,701.08** | **€19,701.08** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€19,701.08** | **€19,701.08** | | | | | | | | | |

0

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 308 tat-30/9/15**

0

Kunsillier